**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 94/2015*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Lewis Sant, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 550660M**

Illum, 6 t'Awissu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lewis Sant u ċioè talli:

> F'Jannar 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;
>
> Talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew

akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi;

Fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

Fl-istess perjodu għamel ħsara jew kisser xi parti minn xi meter tal-elettriku, jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew ġumni użati wżati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom;

Fl-istess perjodu, ġewwa dawn il-Gżejjer ċioe' ġewwa Marsaskala, hedded serjament bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm lil Najeh Khalifa b'delitt sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tagħha jew b'isem maħluq;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-diżpożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipproċedi sabiex minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar tal-assi tal-imsemmi Abraham Muscat.

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta li l-propjeta' inkwistjoni li tkun inkisbet minn attivita' kriminali, din il-propjeta' tiġi konfiskata.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju, 2018,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-Artikoli 18, 115(1)(c) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 18, 122, 113 u 114 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikoli 18 u 127(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikoli 18 u 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikoli 18 u 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 141 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

[1] Fol.994

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti rat li ma jirrizultax li d-dokumentazzjoni li tifforma parti ta' Volum IA, kopja ta' rapporti t'ezamijiet li saru fuq Smart Meters minn CESI fl-Italja giet prezentata minn xi xhud. Anzi f'dan il-process ma jinkwadraw bl-ebda mod Smart Meters. Jidher li din giet inserita erronjament f'dawn l-atti u ghalhekk qed tigi skartata.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel Tlett Akkuzi: Korruzzjoni, Konkussjoni u Storn**

Fit-tieni lok u tenut tal-ewwel tlett akkuzi addebitati lill-imputat, il-Qorti sejra tikkunsidra jekk fiz-zmien tal-akkuzi msemmija, l-imputat kienx ufficjal jew impjegat pubbliku. Dan qed issir minkejja li ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni dwar dan il-punt.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-imputat u jirrizulta li gie impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta fis-16 t'Awissu, 2000 sal-24 t'Awissu, 2014 meta din inbiddlet minn Korporazzjoni ghal Kumpanija bl-isem Engineering Resources Ltd. Beda l-impjieg tieghu ma din il-kumpanija fil-25 t'Awissu, 2014.[2] L-Engineer **Patrick Gauci** kkonferma d-data t'impjieg ta' Sant[3] u esebixxa l-ittra ta' sospensjoni li nharget minn Engineering Resources Ltd. fis-26 ta' Jannar, 2015.[4]

Din id-data, kif l-istess dik indikata minn Jobsplus, hi rilevanti tenut kont li l-akkuza tirrisali ghal *"**Jannar, 2015**, u fix-xhur u s-snin ta' qabel"*.[5] Irid

[2] Fol.75
[3] Fol.951.
[4] **Dok.PG** a fol. 953-954
[5] Fol.1

ghalhekk jigi determinat jekk f'dan iz-zmien Sant **kienx ufficjal jew impjegat pubbliku**.

Fil-fatt l-artikolu 28(5) ta' l-***Att dwar l-Enemalta***, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[6] kien jipprovdi: *"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".*

Izda fl-***Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta,*** li *inter alia "iħassar l-Att dwar l-Enemalta u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konnessi ma' dan.",* ma tinsab l-ebda disposizzjoni simili.

Mhux talli hekk izda l-Att il-gdid, minghajr distinzjoni specifikatament jipprovdi ghall-kuntrarju u cioe` li mad-dhul fis-sehh tal-Att l-impjegati tal-Enemalta saru w **kellhom jitqiesu li dejjem kienu impjegati ma <u>Engineering Resources Ltd.,</u>** deskritta fl-istess Att bhala *"(kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata rreġistrata skont il-liġijiet ta' Malta) u 1i għandha n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpannija C 65835".*

L-artikolu 4 ta' dan l-Att jipprovdi:

> 4. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-persuni kollha impjegati fil-Korporazzjoni minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandhom, mad-dħul fis-seħħ ta' dan lartikolu, jiġu trasferiti u <u>jsiru impjegati ta' Engineering Resources Ltd</u> bis-saħħa ta' dan l-artikolu u mingħajr il-bżonn ta' kwalunkwe formalitajiet oħra.
>
> (2) Engineering Resources Ltd għandha tieħu l-jeddijiet u l-obbligi kollha li l-Korporazzjoni kellha lejn l-impjegati qabel it-trasferiment tal-impjegati bis-saħħa ta' dan l-artikolu u <u>kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu</u>, **għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi**, <u>jitqies li kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni</u>, u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi jkompli jgawdi l-istess jeddijiet u kundizzjonijiet li kellu minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, inkluż iżda mhux limitat għad-drittijiet tal-pensjoni jew drittijiet relatati mal-kalkolu ta' kwalunkwe pensjoni jew ta' kwalunkwe servizz pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew ta' kwalunkwe liġi oħra.

[6] Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta,* Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014.

Ghalkemm l-artiklu 4(2) jitkellem dwar *"jeddijiet u kundizzjonijiet"*, evidentement riferenza ghall-kundizzjonijiet t'impjieg, bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-fatt li tkun meqjus bhala ufficjal pubbliku hija xi kundizzjoni. Anzi pjuttost hija kwalifika oneruza ghall-ahhar! ***L-Att XXXIV tal-2014*** ma pprovda ghall-ebda disposizzjoni tranzitorja li tindirizza procedimenti penali li jirrigwardaw reati li sehhew qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, minkejja li meta dan iddahhal fis-sehh f'Awissu, 2014, l-investigazzjonijiet mill-Enemalta u mill-pulizija dwar *meter tampering* kienu *in full swing*.

Kif gie kjarifikat li tali impjegati kellhom ikomplu jgawdu drittijiet relatati mal-pensjoni u servizz pensjonabbli taht l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kapitolu 93 tal-Ligijiet ta' Malta, li tirrigwarda persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, hekk kellu jsir ukoll rigward jekk dawn l-impjegati kellhomx jibqghu jitqiesu bhala ***ufficjali u impjegati pubblici;*** id-dicitura tal-Artikolu 4(2) tal-Att izda tipprovdi li impjegat tal-Enemalta issa kellu *"jitqies li kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni"!!*[7]

Ghalhekk qatt ma jistghu jirrizultaw l-imputazzjonijiet ta' **korruzzjoni, konkussjoni u storn li lkoll kemm huma jirrikjedu li l-awtur ikun ufficjal jew impjegat pubbliku jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika**! Ghall-istess raguni lanqas ma jsib applikazzjoni l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ccitat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Jibqa' ghalhekk jigu kkunsidrati l-ahhar zewg imputazzjonijiet.

---

[7] Fil-fatt fl-***Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika***, jipprovdi:
“"impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern";“"kariga pubblika" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni u għandha wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Att, tinftiehem li tfisser kull grad jew pożizzjoni ħlief dawk imsemmija fis-subartikolu (2)(a)"; u “"servizz pubbliku" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bil-Kostituzzjoni, iżda għall-finijiet ta' dan l-Att għandha tinftiehem skont is-subartikolu (2)". Fih ma ssir l-ebda riferenza ghal dawn l-impjegati, li hekk kif saru kkunsidrati impjegati ma kumpanija privata necessarjament gew eskluzi mill-applikabbilita` ta' dan l-att.

**<u>Ir-Raba u l-Hames Akkuzi: Hsara Volontarja u theddid</u>**

Illi l-**Ispettur Roderick Zammit** spjega dak li wassal sabiex jigi akkuzat l-imputat. F'Jannar, 2015, l-Enemalta rriskontrat rregolaritajiet gewwa zewg pizzeriji gewwa Wied il-Ghajn[8] propjeta` ta' certu Najeh Khalifa. [9] Khalifa gie interrogat u stqarr kif sar *by-pass* fis-sistema tal-elettriku mill-imputat u certu Cucciardi.[10]

Illi l-Engineer u rapprezentant tal-Enemalta **John Tonna** spjega kif fis-27 ta' Jannar, 2015, nghata struzzjonijiet biex issiru spezzjonijiet f'ghadd ta' postijiet fejn f'garaxx f'Tal-Handaq instab li d-dawl kien qed jittiehed dirett minn fuq il-linja minghajr mal-konsum ikun qed jigi registrat.[11] F'Hal-Ghaxaq instab meter fejn kien hemm gonta qabel is-*service* li diehel fuq il-meter biex jiehu d-dawl. L-ghada fit-28 ta' Jannar, 2015 saret spezzjoni go Cafe Bar, B'Bugia fejn instabet *"evidenza li xi darba kien hemm certu konsum li ma kienx qed jghaddi mill-meter, .... l-evidenza d-direct connection ma kinitx hemmhekk kien imnaddaf imma sibna li l-wire kellu xi toqob li setghu juru li kien hemm certu connection u sibna wkoll it-trunking ghaddej minn go main switch fejn kien hemm il-kcina."*.[12] Tonna nghata informazzjoni li whud mill-indirizzi li gie rikjest jaghmel spezzjoni fuqhom kienu ghadhom mqabbdin direttament filwaqt li fuq ohrajn l-irregolarita` kienet tnehhiet. Gie deciz imorru fuq dawk li kienu ghadhom mqabbdin irregolarment u li lkoll kienu jidhru fil-lista[13] li nghata struzzjonijiet dwarha nhar is-27 ta' Jannar, 2015.[14]

**John Vella**, *surveyor coordinator* mal-Enemalta responsabbli minn serq ta' dawl, spjega kif fis-26 ta' Jannar, 2015, ordna zewg haddiema jaghmlu spezzjoni f'pizzeriji Chikos u La Marina f'M'Scala. Hu mar f'La Marina *"u nnutajna li* ***kien hemm cable b'jonta fuqu fuq is-service*** *li diehel u kien qed jiffeedja l-kcina kien hemm xi affarijiet bid-dirett minn fuq il-kcina kien qed jibbajpassja l-meter. <u>U l-cable fuqu kellu ttimbrat Enemalta</u>."* Gie nfurmat is-

---

[8] Fol.29
[9] Fol.26
[10] Fol.26
[11] Fol.32-33
[12] Fol.33
[13] **Dok.RZ1** a fol.38 et seq.
[14] Fol.34.

sid Khalifa u dan mar fuq il-post mal-avukat tieghu.[15] Dakinhar stess ordna li l-cable jinbiddel u titnehha l-irregolarita`.[16] L-ghada gie msejjah flimkien mal-engineer Tonna ghand ic-Chairman u nghataw lista t'indirizzi li kellhom issiru spezzjonijiet fuqhom dakinhar stess. Hekk sar *"u fosthom morna l-ewwel wahda li konna ghamlilna ta' 38 Triq Giglio Calleja Zebbug, li nstab li kien hemm gonta fuq is-service cable ukoll, imbaghad morna Kalakku Garage Triq John Michael Testa li nstab li kien hemm service bid-dirett minghajr meter service go kamra, mbaghad morna Rosso Nero Triq ic-Cappun Hal Ghaxaq u nstab ukoll li kien hemm bypass fuq is-service cable, imbaghad dakinhar konna waqafna u komplejna l'ghada. L'ghada kienu saru xi spezzjonijiet ohrajn u konna sibna f'Caramba Cafe Bar Triq Pretty Bay l-evidenza kienet tnehhiet imma kien jidher car li kien hemm xi gonta kienet prezenti, u fl-ohrajn jidher li s-service kien diga' nbidel, kien hemm service gdid jidher li kien mibdul.".*[17] In kontro-ezami jikkonferma li kien mar fuq il-post f'Marsaskala wara li haddiema tieghu cemplulu li sabu xi rregolaritajiet.[18]Kien baghat lil Giuliano u Busutill jaghmlu spezzjoni izda hu wasal madwar siegha wara; xogholu kien li jattendi fuq il-post kull meta tigi riskontrata xi rregolarita`.[19]

**Joseph Giuliano** spjega kif fis-26 ta' Jannar, 2015, saret spezzjoni f'Chikos, Triq ix-Xatt, M'Scala, fejn **instab cable mqaxxar** u gie mghajjat is-sid. Sussegwentement saret spezzjoni ohra f'hanut iehor tal-istess sid fejn instabet gonta fis-saqaf *"Ergajna morna n-naha l-ohra u ahna u naqalghu l-cable meta gew tad-distrett sibna li* ***kien hemm gonta*** *iktar antika fuq il-hajt li kienet fuq il-blue phase..... Il-Qorti ha ssib li kien hemm kazijiet fejn il-materjal kien diga' tnehha pero hallew evidenza ta' marki mall-hajt u kien hemm xi kazijiet li l-affarijiet kienu ghadhom hemmhekk. Hemm hafna affarijiet illi huma bhal tal-Enemalta, bhas-service boxes u l-light ups u kien hemm ukoll cables li huma tal-Enemalta bl-emblema pprintjata fuq il-cables per ezempju."*[20] In kontro-ezami jispjega li kienu marru l-ewwel f'hanut u wara f'pizzeria. *"....fl-ewwel wiehed konna sibna irregolarita',* ***kien hemm face minnhom bbrigjat, face ibbrigjat jigifieri b'mod dirett,*** *konna morna fil-pizzeria u konna sibna li kien hemm polythene wire minn tal-Enemalta stess li diehel fil-kcina u kien hemm*

[15] Fol.44-45
[16] Fol.48
[17] Fol.49
[18] Fol.999
[19] Fol.1001
[20] Fol.51-52

*consumer unit".*[21]L-ispezzjonijiet ma kienux ippjanati[22] u dakinhar li saret l-ispezzjoni Sant kien prezenti flimkien ma Cucciardi izda ma kellhomx involvement mas-sid *"ghax huma gibdu l-attenzjoni li kien sar il-hin biex jitilqu lejn id-dar u ovvjament ma setghux jaghmlu overtime. Dak id-diskors li qal lili u qalli biex nerga ncempel lill-foreman biex insiblu lil xi hadd u joqghod bl-overtime."*[23]

**Robert Busuttil**, *senior distribution tradesman*, fi hdan l-Enemalta, pprezenta zewg boroz li kienu jikkonjenu *wires* elevati mill-pizzeriji Chikos u la Marina.[24]

**PC32 Renald Agius** semma' kif kien prezenti meta saret spezzjoni minn ufficjali tal-Enemalta gewwa Chikos Bar, propjeta` ta' Najah Kalifa, fejn l-ufficjali *"nehhew l-affarijiet li kien hemm, ghamluhom preservati go borza bis-sigill iffirmajna fuqhom u kollox, u nbidel xi wiring minn naha tal-Enemalta"*.[25] **PC1037 Saviour Mifsud** ikkonferma dan *"Saret spezzjoni fuq il-meter tad-dawl flimkien mal-wire tad-dawl diehel ghal gol-meter.... L-Enemalta ghamlu spezzjoni fuq il-cable tad-dawl fejn hemm instabu xi rregolaritajiet li kien hemm xi tbaghbis fuq il-wire tad-dawl."*[26]

**PS279 Kevin Gauci,**[27] **PS487 Reuben Balzan**[28] u **PC265 Kenneth Ciangura**[29] lkoll kkonfermaw li kienu prezenti flimkien ma ufficjali tal-Enemalta meta saru xi spezzjonijiet fuq numru ta' fondi li jissemmew fil-listaesebita minn Tonna.[30] **PS1478 Julian Grima** kien prezenti fl-ispezzjonijiet li saru Haz-Zebbug, Il-Handaq u Hal-Ghaxaq.[31]**PC929 Manuel Bugeja** semma kif flimkien ma PC265 kien prezenti waqt spezzjoni f'Karamba Cafe Bar f' Birzebbugia li sid tieghu kien certu Ivan Mamo.[32]

---

[21] Fol.1003
[22] Fol.1004
[23] Fol.1007
[24] Fol.55
[25] Fol.77
[26] Fol.79-80
[27] Fol.97
[28] Fol.101
[29] Fol.103
[30] **Dok.RZ1** a fol.38 et seq.
[31] Fol.100
[32] Fol.786

Illi **Dr. John Seychell Navarro** in rapprezentanza tar-Registratur, esebixxa elenku tal-assi tal-imputat.[33]

**Daniel Zammit** kkonferma li kien investiga lill-imputat flimkien ma zewg impjegati ohra tal-Enemalta rigward l-installazzjoni ta' *by-passes* ma meters tal-Enemalta.[34]

Gie esebit *inspection report* dwar il-fond La Marina[35] minn fejn jirrizulta li l-ufficjali tal-Enemalta sabu gonot mwahhla mas-*service cable*. Fih jinghad*"cable li kien qed jiehu qabel il KWH Meter kien jibqa sejjer minn fuq suffet ghal go Distribution Box li kienet tinsab fil-kcina...Cable kien materjal b'Enemalta moulded fuq l-insulation ta' barra. Il-parti fejn kien hemm il-gonta giet elevata w maghluqa."*[36] Rapport iehor kien dwar l-ispezzjoni li saret fil-fond Chico's.[37] Hemm instabet *"T-joint on blue phase of 4 x 16 mm² Service Cable"*.[38] Fir-rapport insibu *"**kien hemm wire iswed 4mm² kien imgannat** mal-Blue Phase ta' Service able, dan il-wire kien jidhol go distribution box go MCB u jmur gol Blue Phase ta' 4 Pole Main Switch mal-wire Blue Phase li gej mill-hrug tal-meter. **Ma service cable 4 x 16 mm² il-fuq mis-suffet sibna parti mill-insulation ta' barra imqaxxar** u mghotti b'tape iswed fuqu kien hemm bicca insulation u mghottija b'tape abjad, meta ftahna it-tape sibna li fuq kull core kien hemm it-toqob tal-L-Taps (self Tapping L taps)"*.[39] Tali rapporti saru minn Joseph Giuliano, John Vella u Robert Busuttil li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri.

Il-partijiet ma kkontestawx l-awtenticita` ta' dawn il-kopji li jinkludu ritratti li ttiehdu waqt l-ispezzjonijiet f'diversi lokalitajiet li ssemmew mill-istess ufficjali tal-Enemalta u senjatament minn Joseph Giuliano, fosthom dawk propjeta` ta' Najeh Khalifa, Chico's u La Marina.

**Alan Chetcuti** in rapprezentanza tal-Enemalta kkonferma kwerela[40] li l-korporazzjoni baghtet fejn intalab li l-Kummissarju tal-Pulizija jiehu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat u zewg persuni ohra.[41]

---

33 Xhieda a fol. 135. Elenku a **Vol.II mmarkati bhala Dok.JSN1-JSN3 a fol. 140-782.**

34 Fol.783

35 **Dok. RZ2** a fol.879 et seq

36 Fol.882

37 Fol.88 et seq.

38 Fol.889

39 Fol.891

40 Fol.801. Vide **Dok. DZ3** a fol.7

41 Fol.802

**Michael Buttigieg** informa lill-qorti li kien qed issir rinunzja tal-kwerela li l-Enemalta kienet ghamlet fil-konfront ta' Najeh Khalifa.[42] **P.L. Caroline Zera**fa pprezentat certifikati t'esenzjoni ai termini tal-***Att dwar ik-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni,*** Kap.326 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' Najeh Khalifa.[43]

**Najeh Khalifa** xehed li *"jien ghandi hanut jismu La marina 35 Triq ix-Xatt Marsaskala u Jigini kullhadd. Gieni klijent illi offrieli illi jaghmilli biex nista' jkolli kont irhas tad-dawl u ghidtlu kemm ha jigi hekk u kollox. Talabni somma. Ghidtlu le ghidtlu jien ghandi zewgt hwienet u jekk taghmilli discount".* Dan il-klijent li **jiddiskrivi kien l-imputat Sant li tah in-numru tal-mobile tieghu, *"tani n-number tal-mobile, Irrangajna fuq il-prezz….Il-prezz talabni elf u mitejn u nizel sa disa' mija biex jaghmilli tnejn…. Ghamilli*** *Chikas 13 Triq ix-Xatt Marsaskala* ***u ghamilli*** *La Marina 35 Triq ix-Xatt jghidulha bypass"*[44]. **Ix-xoghol sar mill-imputat u zewgt kollegi tieghu** *"Dejjem kienu 3 li huma dejjem"* fosthom l-imputat Sant.[45] Semma kif Sant u impjegat iehor heddewh izda kien jaf x'jimu l-imputat *"habba li ddiljajt mieghu u kollox"* biex jaghmillu mezz kien il-kont tad-dawl jigi anqas. Skond Khalifa it-theddied kien fis-sens li *"Jekk Alla hares ninqabad u nikxef lill-iehor ma li ghamluli s-sistema,* ***ha jghamilli problemi****"* u sar mit-tnejn li huma.[46]

In kontro-ezami jghid li ma jiftakarx id-data jew is-sena ta' meta gie offrut li jsir il-*by-pass*.[47] Kien mar l-imputat fuqu w offrielu servizz li permezz tieghu jinsteraq id-dawl izda ma ftakarx kemm talbu bhala hlas.[48] Imfakkar dwar dak li xehed sentejn qabel meta kien semma' li hallas €900 jishaq li kien qal il-verita` dakinhar. Kien gie avvicinat meta l-imputat kien wahdu bil-kollegi fil-van li fuqu kellu l-logo tal-Enemalta. Tkellmu aktar minn darba biex intlahaq il-ftehim fuq zewgt hwienet.[49] Ikompli jaghti aktar dettalji dwar kif kellhom jaghmlu l-*by-pass* biex ma jaghtux fil-ghajn *"taf inti jigi darba jkellmek u jien nipprova ngebbed il-prezz u hu jipprova jibqa' l-istess, jibqghu biex jahdmu fil-kumdita', l-hin u hekk. Ghamilha*

---

[42] Fol.842 et seq.
[43] Fol. 839A; **Dok. CZ**
[44] Fol.847-848
[45] Fol.848
[46] Fol.858
[47] Fol.1017
[48] Fol.1018
[49] Fol.1019

*issa, <u>hemm l-ghajnejn min ihares</u> jigifieri huma jibzghu ghax-xoghol taghhom u jien nibza ghalija u fl-ahhar jigifieri qbilna u mexxa……L-ewwel darba ma nigdibx mieghek, jista' jkun li dahlu t-tlieta, taf inti jien hanut miftuh mal-Main Road, ... Setghu dahlu, jekk ma qaluliex isma dan dan u dan jien ma kontx naf bihom imma sirt naf li huma tlieta, t-tnejn l-ohra illi huma l-kollegi tieghu li huma dejjem fuq dik l-area suppost..... Iva gieli kienu tlieta, gieli kienu tnejn imma dejjem il-persuni t-tlieta dejjem huma li naghraf.... Il-kbir taghhom dejjem kien s-Sur Lewis Sant."* Jispjega li ghalih Sant kien il-'kbir-taghhom' ghax hekk kien pprezenta ruhu.[50]Ma jiftakarx kemm ghadda zmien bejn minn meta sar il-ftehim ghal meta saru il-*by-passes.*[51] Ikompli kif kien jaf lil Sant bhala klijent fil-hanut fejn kien jahdem qabel *"Nafu hekk li jigi hemm biss u gieli gie ha pizza minghandi…..Kellma iggib lill-ohra u taf inti jew nahseb bdejt jiena jew beda hu, taf inti l-mument li grail f'hajti llum il-gurnata ma nistax nghidlek kif zgur ezatt imma zgur xi hadd minnha jigifieri jien qadt mal-bar u hu ha xi haga jew kellimni fuq xi haga u bdejna fil-bicca xoghol."*.[52]

Khalifa kompla jixhed kif wara li saru l-*by-pasess* baqa' f'kuntatt maghhom *"wara l-bicca xoghol xorta bqajna in contact, jekk jigri xi haga ninfurmah u xorta meta jien gratli l-bicca xoghol fil-bidu meta kulhadd jghidlek qabdu lil dak u qabdu lil dak, jien xorta infurmajtu, ghidtlu isma x'naghmlu, x'naghmlu, dejjem titkellem, nithadded maghhom it-tlieta, sal-lum il-gurnata jien nithadded maghhom, jigifieri **jekk nikxef ha nispicca hazin…..t-tlieta li huma qaluli jekk tikxef hazin ghalik**"*.[53] Dan id-diskors sar meta kien sar il-hlas lil Sant *"Lil Lewis dejjem, ghidtlek jien kelli l-mobile tieghu, **dejjem nikkuntatja mieghu u dejjem kollox ma hu biss**, issa jekk ha kollox hu, xorta dejjem kont narahom jien, kieku raw xi hadd minnhom infurmani.[il-kliem ta' theddid sar] Mhux meta hadu l-flus, **meta ha l-flus <u>hu</u>**"*.[54] Ghalkemm ftit qabel jixhed li l-imputat u shabu kienu <u>kontinwament</u> jhedduh lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu ibiddel id-diskors u jghid li dak il-kliem sar <u>darba</u> biss *"Iva mela darba biss"*[55]*!*

**Marvin Cucciardi** xehed kif kien jahdem fuq id-distrett ta' Rahal il-Gdid bhala *senior tradesman* liema distrett kien ikopri wkoll Wied il-Ghajn

[50] Fol.1020
[51] Fol.1021
[52] Fol.1022
[53] Fol.1023-1024
[54] Fol.1024
[55] Fol.1025

flimkien mal-imputat u impjegat iehor.[56] Kien ikun hemm min jifthiem ma shabu u anke mieghu nnifsu.[57] B'kollox marru ghand xi ghaxar minn nies izda l-flus ma kienux ituhom lilu izda lil Sant jew lill-impjegat l-iehor li *"U mbghad kienu jtuni xi haga…daqqa 50 u daqqa 100 [ewro]".*[58] Il-flus kien jghaddihomlu Sant jew l-impjegat l-iehor u b'kollox ha mal-€1,000 ghalkemm qabel semma biss €300.[59]. Meta jibda' ma jiftakkarx xi fatti, gie mwissi mill-Qorti dwar konsegwenzi ta' spergur. Hemm ikkonferma li l-ftehim li jaghmlu *by-passes* kien isir ma Lewis Sant jew mal-impjegat l-iehor.[60] Biex jaghmlu *by-pass "Kien ikun hemm is-service cable,* ***nqaxxrulu bicca minnu u tohrog fergha minnu*** *u s-service box ghal fejn ikun irid is-sid u mbghad kien iqabbad electrician u jaghmel change over switch u jaqleb u dan kif irrid hu [dan kien isir biex] l-arlogg ma jimmarkax"* u b'hekk kien jinqabez l-arlogg.[61]

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-*inspection reports* esebiti minn fejn jirrizulta li l-*by-passes* li nstabu saru bl-istess *modus operandi* kif mfisser minn Cucciardi u senjatament kif kien **jitqaxxar is-service cable** tal-Enemalta biex tinhareg fergha minnu.

Cucciardi jkompli li l-hlas ma kienx isir quddiemu u li l-wires li kienu jintuzaw kienu minn tal-Enemalta stess.[62] Dan ix-xoghol irregolari kien issir bil-vettura tal-Enemalta waqt il-hin tax-xoghol.[63] Kien hemm okkazzjonijiet fejn mar fuq postijiet ohra u *"bdinilhom il-wire mill-gdid"* biex b'hekk titnehha l-irregolarita`.[64] Dan gara peress li l-impjegat l-iehor kien ha transfer ghal Power Station u talbu jmur jirranga l-affarijiet u jghaddi l-wires minn mal-linja sas-*service box* biex il-meter jirregistra l-kurrent kif suppost.[65]Kienu madwar xi 5 jew 6 postijiet li sarulhom *by-pass* minn dan l-impjegat wahdu u mhux meta kienu jkunu huma t-tlieta.[66]Peress li s-sistema ma setghetx tigi *reversed* b'persuna wahda kien mar hu flimkien mal-imsemmi impjegat li talbu dan il-pjacir *"Ghax ma*

---

[56] Fol.975
[57] Fol.977
[58] Fol.978
[59] Fol.979-980
[60] Fol.982
[61] Fol.983
[62] Fol.984-985
[63] Fol.985
[64] Fol.986
[65] Fol.896-897
[66] Fol.987-988

*tistax tirriversjaha wahdek…peress li trid tahdem minn mal-linja ghal-isefel, trid tkun tnejn, tleita minn nies"*. Ta' dan ma thallasx.[67]

In kontro-ezami Cucciardi kkonferma li kienu *team* ta' tlett persuni, hu, l-imputat u iehor li sussegwentement wara li kien ha transfer gie minfloku certu Nazju Farrugia.[68] Il-*by-passes* fil-postijiet ta' Khalifa saru madwar hames snin qabel ma gew sospizi (2015) u ghalhekk circa fl-2010. Hu kien il-*head* u tahtu kellu lill-impjegat iehor u lil Sant. Meta instabu il-*by-passes* il-*foreman* kien baghthom fuq il-post izda mit-twegiba tieghu mhux cjar jekk meta saret l-ispezzjoni kienx mar Nazju jew l-impjegat l-iehor.[69]

**Nazju Farrugia** spjega kif ghamel zmien qasir jahdem mal-imputat u Marvin.[70] Ma jiftakarx iz-zmien izda ftakar li darba fost l-ohrajn waqt li kienu ghaddejjin bil-van f'Wied il-Ghajn waqqafhom wiehed ismar *"biex inizlulu wire"*.[71] La jaf meta sehh dan u lanqas x'jismu dan ir-ragel li baqa' ma rahx izjed.

Kummenti ulterjuri fuq din ix-xhieda hekk neboluza w selettiva huma superfluwi.

L-imputat **Lewis Sant** ghazel li jixhed u spjega kif kien parti minn *team* ta' tlieta mmexxi minn Marvin Cucciardi flimkien ma impjegat iehor.[72] Semma kif *"darba minnhom konna niezlin lejn Wied il-Ghajn, jiena, Marvin Cucciardi u Nazju Farrugia, fit-triq iltaqa' maghna, ahna konna got-traffic il-Fgura nezlin l-isfel…Khalifa, ghadda minn maghna b'mutur, zamm hekk bilmod ghal maghna u qalilna ghadduli sal-hanut. Bqajna sejrin ma nafx jekk ghamilniex hsara jew le imma bqajna sejrin imbaghad hdejn il-hanut…"*. Kien jafu ghax ta' spiss kienu jieqfu jixtru l-pizza minghandu.[73] Qalilhom jghaddulu sal-hanut u hekk ghamlu. Kif wasslu qalilhom jieqfu fit-triq li tigi fuq in-naha ta' wara tal-hanut.

---

67 Fol.989-990
68 Fol.1011. Fejn hemm indikat li hija l-prosekuzzjoni li qed taghmel id-domandi dan ghandu jinqara bhala id-difiza tenut kont li Cucciardi kien qed jixhed in kontro-ezami.
69 Fol.1012
70 Fol.1038-1039
71 Fol.1039
72 Fol.1028
73 Fol.1029

Ikompli *"konna ghadna lanqas inzilna minn got-truck. Qalilna taf x'irrid minghandkom? Qalilna tuni gulja, gulja trepan kbir qalilna biex naghmilkom toqba qalilna halli mbaghad tigu u taghmluli service wire minn mal-linja ghal gewwa biex inhaddem forn bih, ghidtlu int bis-serjeta', ghidtlu int Alla qed igennek? Qed nitkellem ezatt x'qalli, ghidtlu int Alla qed igennek jew trid titfaghna l-habs? Startjajt u ser nohrog il-barra. Ahna u hergin hekk biex immorru, nitilqu qalli Lewis, Lewis, ghidtlu xi trid jien? Qalli ara la ma tridux taqduni, qisni ma ghidtilkom xejn, jien lilkom ma nafkomx, lili ma tafuniex, ara ma tirrappurtawnix ghax impattihilkom, daqshekk biss qalli. Imbaghad tlaqna vuol diri biex inkomplu l-hsarat ghax ahna konna fuq hsarat u ghidtilhom dan ir-ragel qed jiggennen jien, biss Marvin ma kellimni xejn u l-iehor lanqas. U ghidtlu ara fejn ha mmorru Marvin, fejn imiss immorru u bqajna sejrin nahdmu fuq il-hsarat"*. Dan sehh xi gimghatejn qabel ma saret l-ispezzjoni.[74] Jiftakar kif kienu baghtu ghalih il-power station u staqsewh jekk kienx ghen lil xi hadd jisraq id-dawl. Meta nnega gie sospiz u sussegwentement arrestat.[75] Jinnega li qatt ghamel hwejjeg illegali. Mitlub mill-qorti jispejga ghaliex Cucciardi kellu jixhed kif xehed fil-konfront tieghu <u>ma joffri ebda spjegazzjoni li taghmel sens</u> u jghid *"Ha nghidlek l-istorja, peress li Khalifa kien qal li inpatijilkom jekk tirraportawni, jien zgur li ma' ghamiltlu xejn u x'hin, u zgur haseb li irapurtajtu jien peress li ma' ghaddewx hmistax u min xiex hebba jew min xiex bezgha Marvin ma' nafx ghax Marvin din jafa daqsi, konna jiena, Nazju Farrugia u Marvin Cucciardi."*[76] Jinsisti li Marvin xehed bil-mod li xehed ghax ghandu x'jahbi u li Khalifa kien qed jigdeb meta wehhel fih.[77]

**Osservazzjonijiet mir-Rizultanzi Processwali**

1. Qabel xejn jinghad li din il-Qorti ma tqisx li l-verzjoni moghtija mill-imputat ghandha mis-sewwa. Hi verzjoni li tisfida s-sens komun fejn mhix komfortata bl-ebda mod minn xi provi ohra, u dan dejjem sal-grad tal-probabbli.

Kemm jaghmel sens li ufficjali tal-Enemalta waqt li qeghdin fi triqithom lejn ix-xoghol jigu ghall-gharrieda mitlubin minn terz, li jafuh bhala sid ta' pizzeria li kienu jiffrekwentaw, biex imorru l-hanut tieghu u jaqbdu u ghamlu dan minghajr htiega tal-ebda spjegazzjoni

[74] Fol.1030-1031
[75] Fol.1032
[76] Fol.1033
[77] Fol.1036

uletrjuri. Possibbli hallew kollox u marru warajh?!? Mhux talli hekk kellu jkun hu li dderegihom fejn kellhom jieqfu, ordnalhom jghaddu mit-triq ta' wara biex ma jaghtux fil-ghajn, u dawn dlonk obdewh!!

2. Ma ngabet l-ebda raguni ghaliex Khalifa jew Cucciardi kellhom jigdbu dwaru. Il-kaz fil-konfront ta' Cucciardi kien *res judicata* filwaqt li Khalifa li nghata ezenzjoni minn kwalunkwe procediment penali dwar korruzzjoni bil-kundizzjoni li jixhed fil-konfront ta' terzi, kien kategoriku u jsemmi li kien ma Lewis Sant li sari l-ftiehem u kien lilu li hallas €900 biex isir *by-pass* fiz-zewg hwienet minn tieghu**.**

3. Khalifa jishaq li **kien mieghu li kien izomm kuntatt u kien anke ghandu il-mobile number tieghu.** L-imputat jammetti li Khalifa kien jafu b'ismu**.** Kemm aktar ghandha mis-sewwa ix-xhieda ta' Khalifa li jaghti rendikont ta' dak li zvolga bejnu u Sant biex saru l-*by-passes* u meta jkompli jispejga kif baqghu f'kuntatt meta bdiet hierga l-ahbar li hafna li baghbsu mal-kurrent elettriku kienu qed jigu investigati. Rendikont li jsib korroborazzjoni fix-xhieda ta' Cucciardi meta jispjega l-*modus operandi* li kellhom meta kienu jaghmlu l-irregolaritajiet meta jixhed li l-ftehim u l-hlas kien issir lil Sant u siehbu l-iehor!

**4.** Cucciardi semma' kif kien ikun akkumpanjat ma Sant li kien jiehu hsieb il-hlasijiet, kif effettivament jixhed Khalifa li hallas lil Sant.

5. It-'teknika' li biha kien isir il-by-pass kif deskritt minn Cucciardi hija l-istess teknika riskontrata fil-hwienet ta' Khalifa li dwarhom saru l-*inspection reports*.[78]

6. Madanakollu ghalkemm gew esibiti ritratti tal-*by-passes* li instabu fid-diversi lokalitajiet (f'Hal-Qormi;[79] Triq San Guzepp, Zabbar;[80] Triq ix-Xghajra, Zabbar,[81] Triq il-Gnien, Zabbar; [82]Triq Alessio

---

[78] **Dok.RZ2** a fol 879-885 u fol.888-897
[79] Fol.898-901
[80] Fol.902-909
[81] Fol.910-917
[82] Fol.918-924

Erardi, Zabbar; [83]Triq San Tumas, Tarxien[84]; Triq Pretty Bay, B'Bugia[85];Triq ic-Cappun, Ghaxaq[86]u Triq Icilio Calleja, Ghaxaxq)[87] l-*inspection reports* dwar dawn il-lokalitajiet baqghu ma gewx esebiti u l-unika riferenza ghal dawn il-*by-passes* jaghmilha biss John Vella. L-imputat ma jiffigura imkien fl-irregolaritajiet f'dawn il-postijiet. Lil Cucciardi ma saritlu l-ebda domanda minn naha tal-prosekuzzjoni dwar il-postijiet li fihom saru *by-passes* minnu flimkien mal-imputat! **L-imputat jigi mplikat biss in kwantu ghal *by-passes* li saru fil-hwienet ta' Khalifa u dan mill-istess sid li anke jghid li ntqal lilu kliem li bihom hassu mhedded.**

7. Izda anke hawn ma giex soddisfacentment ippruvat li dak il-kliem kien tassew kliem ta' theddid ghalkemm persuna, anke tenut kont tal-illegalita` li kien kompartecipi fiha, seta' hassu mhedded bihom. Khalifa ghall-ewwel jixhed li l-imputat qallu *"Jekk Alla hares ninqabad u nikxef lill-iehor ma li ghamluli s-sistema, ha jghamilli problemi"* [88] pero` in kontro-ezami dan il-kliem jinbidel f'*"jekk tikxef hazin ghalik"!*[89] Lanqas ma jista' jintnesa li ghalkemm hassu mhedded xorta baqa' f'kuntatt mal-imputat *"wara l-bicca xoghol xorta bqajna in contact, jekk jigri xi haga ninfurmah u xorta meta jien gratli l-bicca xoghol fil-bidu meta kulhadd jghidlek qabdu lil dak u qabdu lil dak, jien xorta infurmajtu, ghidtlu isma x'naghmlu, x'naghmlu, dejjem titkellem, nithadded maghhom it-tlieta, sal-lum il-gurnata jien nithadded maghhom, jigifieri jekk nikxef ha nispicca hazin ghalik".*[90]. Anke hawn il-Qorti tiffaccja inkonsistenza ohra fix-xhieda ta' Khalifa peress li filli jghid li t-theddid kien kontinwu fis-sens li meta kien ikellem lil Sant u shabu dawn kienu jghidulu ma jitkellem xejn dwar il-by-pass, aktar il-quddiem hu kategoriku u jghid li dak id-diskors intqal darba biss *"Iva mela darba biss"*[91]*!*

[83] Fol.925-931
[84] Fol.932-935
[85] Fol.936-941
[86] Fol.942-946
[87] Fol.947-950
[88] Fol.858
[89] Fol.1024
[90] Fol.1023
[91] Fol.1025

8. Il-Qorti ma tqisx li l-kliem uzat jinkwadra fit-termini ta' theddid kif ravvizat bl-artikolu 249 tal-Kodici Kriminali fejn f'dak l-artikolu hu necessarju li t-theddieda tkun *"b'xi delitt".* Inoltre` tant Khalifa ma bezax ghall-inkoluminita` tieghu, tant ma kienx qed jipprospetta hsara li kienet ser tigi diretta lejh mill-imputat, li baqa' f'kuntatt mieghu. Dan wara li skond hu gie mhedded bil-kliem li jsemmi l-ewwel darba fix-xhieda minn tieghu meta ntqal lilu biss li *"ha jghamilli problemi".* [92]

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Frendo**, fejn il-Qorti interpretat il-kelma theddida bhala **biza rejali t'aggressjoni futura**:[93]

> B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Frendo**, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. .....

F'sentenza ohra **Il-Pulizija vs Mario Camilleri** gie deciz:[94]

> 60. Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Joseph Frendo'** it-theddid ifisser li agent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta.
>
> *'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ......u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li* ***l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur*** *(ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodici , e.ż. l-artikolu 249)* ***liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent****.'*
>
> 61. F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk:
>
> *'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr.W.Harding* ***'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar****.' 25 ta' Gunju 1952.*
>
> 62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: **Stella Bugeja vs Rosina Bugeja** tal-31 ta' Jannar 1949).

---

[92] Fol.858

[93] Per Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008

[94] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Lawrence Quintano. Deciza 30 ta' Settembru, 2009; Numru 1181/2006

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet:[95]

> Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor [96] – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: *"...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'"*. Pero` dan itturbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit *ex admissis* tghid li hi ma bezghetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel.

Fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.

Dwar ir-raba akkuza l-Qorti ser tiffoka biss fuq il-*by-passes* li saru fil-hwienet ta' Najeh Khalifa galadarba baqa' ma gie ppruvat bl-ebda mod l-involviment tal-imputat fil-*by-passes* li saru fl-lokalitajiet ohra. Jinghad li l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mix-xhieda ta' Khalifa li kien l-imputat flimkien ma shabu li ghamlu il-*by-pass*. Dan ix-xhud kellu kull interess li jghid is-sewwa w ma rrizulta minn imkien li dak li sahaq li ftiehem mal-imputat biex isiru l-*by-passes* ma kienx minnu.

Mill-*inspection reports* prezentati, jirrizulta li biex saru l-*by-passes* irrizulta li fil-kaz tal-hanut 'La Marina' *"sibna PVC cable 4 x 16 mm² ikkontenjat T-joint ma service cable 4 x 16 mm², din il-joint kienet permezz ta' Self Tap insulated l'Taps fuq kull phase u neutral. Dan il-4 x 16 mm² li kien qed jiehu qabel il KWH Meter kien jibqa sejjer minn fuq suffet ghal go Distribution Box li kienet tinsab fil-kcina..... instab li l-PVC 4 x 16 mm² cable kien materjal b'Enemalta moulded fuq l-insulation ta' barra. Il-parti fejn kien hemm il-gonta giet elevata w maghluqa."*[97] Fir-rapport dwar il-fond Chico's[98] inghad "T-

---

[95]**Il-Pulizija vs Joseph Gauci;** Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano; Deciza 12 ta' Gunju, 2003; Appell Kriminali Numru. 28/2003

[96] Fid-dottrina wiehed isib referenza ghal minacca esplicita u implicita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minacca kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali.

[97] Fol.882

[98] Fol.88 et seq.

*joint on blue phase of 4 x 16 mm² Service Cable"*[99] filwaqt li **Joseph Giuliano** xehed li sab il-*cable* **imqaxxar**.[100] Fir-rapport insibu *"**kien hemm wire iswed 4mm² kien imgannat** mal-Blue Phase ta' Service cable, dan il-wire kien jidhol go distribution box go MCB u jmur gol Blue Phase ta' 4 Pole Main Switch mal-wire Blue Phase li gej mill-hrug tal-meter. **Ma service cable 4 x 16 mm² il-fuq mis-suffet sibna parti mill-insulation ta' barra imqaxxar** u mghotti b'tape iswed fuqu kien hemm bicca insulation u mghottija b'tape abjad, meta ftahna it-tape sibna li **fuq kull core kien hemm it-toqob tal-L-Taps** (self Tapping L taps)".*[101] John Vella kien xehed kif fil-fond 'La Marina *"nnutajna li **kien hemm cable b'jonta fuqu fuq is-service** li diehel U l-cable fuqu kellu ttimbrat Enemalta."*[102] Inoltre` r-ritratti esebiti u dawk senjatament a fol 893, 895, 896 juru s-*service cables* tal-Enemalta mtaqqbin u mqaxxra.

Mhemmx dubbju ghalhekk li din ir-raba imputazzjoni, li tipprospetta hsara volontarja fuq ġumni wżati fil-provvista tal-elettriku, giet ampjament ippruvata.

In kwantu ghall-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru. Tal-fatt li l-istess reat sehh f'zewg okkazzjonijiet. Ittiehed kont tal-fedina penali tal-imputat u tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz. Kif intqal aktar il-fuq ma jsibx applikazzjoni l-aggravju ravvizat bl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 u 326(1)(f) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li issibu hati tar-raba imputazzjoni u tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha, tikkundannah ghal disa' xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbatax il-xahar millum.

---

[99] Fol.889
[100] Fol.51
[101] Fol.891
[102] Fol.44

Ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,[103] tordna li l-ammont ta' €300, rapprezentanti r-rikavat provvenjenti mir-raba imputazzjoni, jigi konfiskat favur il-Gvern jew, fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €300.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat ghandu jhallas *multa* ta' €300 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[103] Disposizzjoni tassativa li tipprovdi:
Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat……
Dan l-ammont jirraprezenta terz tar-rikavat li gie indikat li thallas minn Najeh Khalifa meta jsemmi li hallas €900 biex saru il-*by-passes*, liema ammont inqassam bejn tlett impjegati.